# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

26 ta' Ottubru, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.10 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Philip Vella – Sindku

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 19

19.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 18 – 9;
19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
19.5 Komunikazzjoni;
19.6 Rapport tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni tal-Offerta SNTLC 01/2020;
19.7 Milied 2020;
19.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 9/2020;
19.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Din il-laqgħa bdiet fis-2.10 p.m. peress li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bajada biss kienu fil-ħin u ma kienx hemm kworum. Is-Segretarju Eżekuttiv nformahom li l-Kunsillier Tewma u l-Kunsillier Gauci kellhom jittardjaw xi ftit. Fis-2.10 wasal l-Kunsillier Tewma u l-Viċi Sindku Frances Galea ippresjediet din il-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu peress li s-Sindku ma setgħax jattendi minħabba ċirkustanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom.

## 19 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sindku nfurmaħ li ma jistax jattendi għal din il-Laqgħa peress li jinsab kwarantina (Covid-19).

19.1.2 Fis-2.11 p.m. il-Kunsillier Gauci wasal u daħal għal din il-laqgħa.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 18 – 9

19.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 18 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku peress li ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

## 19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

19.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet speċifiċi mill-Kunsillieri.

## 19.5 Komunikazzjoni

19.5.1 Il-Viċi Sindku ġiet infurmata mis-Segretarju Eżekuttiv u nformat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020 sar il-manutensjoni fil-pavimentar tal-mantuċċina fi Pjazzetta tax-Xelina, biss fil-bidu tan-naħa ta' Triq Dun Xand Aquilina, dan ix-xogħol peress li ma ħax iż-żmien neċessarju biex jinxef, u t-triq infetħet u bdew jgħaddu l-vetturi minn fuqu speċjalment dawk kbar il-mantuċċina nqalgħet u saret ħofra. Dwar dan il-kuntrattur ġie infurmat u għandu jgħamel dan ix-xogħol neċessarju nhar il-Ġimgħa li ġejja.

19.5.2 Il-Viċi Sindku ġiet infurmata mis-Segretarju Eżekuttiv u qalet li l-ġardinar assenjat mall-Kunsill nformana li d-Dipartiment tal-Agrikultura għandu xi siġar tal-frott għal-bejgħ bi prezzijiet raġjonevoli ħafna u ssuġġerixxa biex fil-Ġnien tal-Bidwi fuq in-naħa ta' wara tal-ħajt li jmiss mall-plots tar-residenti fejn kien hemm xi siġar oħra u li dawn mietu, jinxtraw oħrajn mid-Dipartiment u jiġu mħawlin minflokhom. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u għandu jixtri minn dawn is-siġar. Is-Sindku qal li dan l-aħħar sar il-ħart f'dan il-ġnien.

19.5.3 Il-Viċi Sindku ġiet infurmata mis-Segretarju Eżekuttiv u nformat lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 2 ta' Otturbru 2020 saret il-preżentazzjoni ta' Automated External Defibrillator (AED) lil kull Kunsill Lokali f'Għawdex mill-Gozo CCU Foundation. Il-Kunsill kien qabel li din AED tiġi nstallata fil-Ġnien tal-Bidwi peress li l-Kunsill għandu meter tad-dawl f'dan il-ġnien. Wara li l-Kunsill Lokali kellu komunikat mall-persuna li ser tinstalla dan l-apparat ġie mifhum li din tista tiġi wżata bil-batterija minflok bid-dawl. Għalhekk il-Kunsill qabel li din għandha xorta tiġi nstallata bid-dawl fil-Ġnien tal-Bidwi.

19.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
15 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/032 – Tnedija tal-ewwel sejħa – Proġett EUCF Webinar għada 7 ta' April
20 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/078 – Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ
29 ta' Settembru 2020 – Assistenza mill-Kunsilli Lokali – Skejjel Primarji fil-lokalita'
30 ta' Settembru 2020 – Cir AKL 2020/110 - ADHD Awareness Month October
2 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/111 – Assistenza ħdejn l-iskejjel biex tinżamm id-distanza soċjali
8 ta' Ottubru 2020 – Aġġornament: Cir AKL 2020/112 – Seasonal Influenza Vaccination Schedule Final – Health Centers, Community Clinics and Local Councils
12 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/113 – Sessjoni Informattiva – Poloz tal-Assigurazzjoni u Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol
7 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/114 – The Building & Construction Agency (BCA)
13 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/115 – Ittra minn TM u l-AKL rigward it-tabelli fit-toroq
16 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/116 – Outdoor Potable Water dispensers
19 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/117 – Laqgħat tal- Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali
20 ta' Ottubru2020 – Cir AKL 2020/118 – Skema ta' tħawwil ta' siġar f' żoni urbani fil-lokalita' – Ministeru għat-Turiżmu
20 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/119 – Minuti Laqgħa AKL Nu 38
22 ta' Otturbru 2020 – Cir AKL 2020/120 – Applikazzjoni għall-Proġett Youth Say: Cultivating the Next Generation of Commuinty Leaders
23 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/121 – President's Fun Walk 2020
26 ta' Ottubru 2020 – Cir AKL 2020/122 – Kif għandha timtela n-Nota tal-Kunsinna – ERA

19.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Ċirkulari SPI/4/2020 – Informazzjoni dwar l-Integrazzjoni u Rijabilitazzjoni ta' Tfal li rritornaw mill-Istat Iżlamiku
Ċirkulari SPI/SCI/5/2020 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern
Ċirkulari SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f' Malta u Għawdex

19.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
25 ta' Settembru 2020 – Ċerimonja tal-Preżentazzjoni tal-Automated External Defibrillator (AED) nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2020 fis-6 p.m.
25 ta' Settembru 2020 – Preżentazzjoni tal-Strateġiji Kulturali għar-Reġjun ta' Għawdex
25 ta' Settembru 2020 – Gentle Reminder – Re Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF 4 sa MQF 7
30 ta' Settembru 2020 – Invit – Ċerimonja tal-Preżentazzjoni tal-Automated External Defibrillator (AED) nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2020, fis-6p.m.

30 ta’ Settembru 2020 – Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 97 nhar it-Tnejn, 5 ta’ Ottubru 2020 fil-5.30p.m.
1 ta’ Ottubru 2020 – Attivita’ Pink October ġewwa Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 2 ta’ Ottubru 2020 fit-8.30p.m. wara l-Preżentazzjoni tal-AED’s
6 ta’ Ottubru 2020 – Bye-Laws Reġjonali
7 ta’ Ottubru 2020 – Installazzjoni tal-AED
7 ta’ Ottubru 2020 – Parteċipazzjoni Proġett Slow Streets
23 ta’ Ottubru 2020 – Invit – Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2020
23 ta’ Ottubru 2020 – Għoti ta’ ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalita’
23 ta’ Ottubru 2020 – Milied Solidali – Serati ta’ Carol Singing fil-Lokalita’

19.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
23 ta’ Settembru 2020 – PA/06086/20– Proposed demolition of existing structure, excavation of basement garage (eight in number), water reservoir and pool, and construction of maisonettes (three in number), apartments (nine in number) and penthouses (three in number) – Mr Mark Agius – Site at, Triq Ta’ Saguna
23 ta’ Settembru 2020 – PA/04366/20 – Proposed internal and external alterations consisting of alterations to internal layout including removal, reconstruction and shifting of internal walls, changes to internal openings and layout and extension at the back terrace and alterations to facade – Mr Roderick Muscat – Site at, Irie, Triq it-Tmienja W Għoxrin ta’ April 1688
23 ta’ Settembru 2020 – PA/04792/20 – Additions and alterations to existing receded floor – Mr Christopher Gerald Mann – Site at, Dar il-Palma, Triq il-Kbira
23 ta’ Settembru 2020 – PA/06230/20 – Alterations and construction of rubble walls, fixing of wooden gate and construction of 3 stables plus related facilities (reservoir, paddock and mature clamp) – Ms Stephanie Spiteri – Site at, Triq Dun Luqa
30 ta’ Settembru 2020 – PA/01611/20 – To carry out alterations and additions to the dwelling units approved in PA/00618/18 and PA/05125/19, thereby adding 10 apartments and 3 penthouses with underlying garages – GTD – Mr Mario Formosa – Site at, Triq Ta’ Xamgħan/New Streetin, Triq Dun Lazzru Camilleri
07 ta’ Ottubru 2020 – PA/06539/20 – To demolish existing exterior walls and extension of washroom and washroom level – Mr Stephen Abela – Site at, Beetlejuice, Triq Dun Luqa
07 ta’ Ottubru 2020 – PA/01353/20 – GTD – To construct one storey house with basement garage and to reinstate boundary dry stone wall – Mr Martin & Mrs Theresa Sultana – Site at Ta’ Bezuza of,Triq Ta’ Cenc
07 ta’ Ottubru 2020 – PA/01358/20 – GTD – Total demolition of existing house and construction of a terraced house. Proposed facade to retain same style and features as existing – Mr Joseph Galea – Site at, 44 Triq Sannat
14 ta’ Ottubru 2020 – PA/06635/20 – To excavate site and construct basement garage, ground floor maisonette and overlying two storey duplex with swimming pool – Mr Jimmy Vassallo – Site at, Triq Bebunaq, Triq it-Tempju tal-Imramma
14 ta’ Ottubru 2020 – PA/06620/20 - To sanction variations from previous permission PA/4590/17 namely internal and external variations at all levels – Ms Roanna Refalo – Site at, Triq Ta’ Xamgħan
21 ta’ Ottubru 2020 - PA/06916/20 – Proposed basement garages; eight flats at ground, first and second floors (six on each floor)and four flats at receded floor level – Emanuel Farrugia, Site at, Ta’ Cenc c/w N/S off, Triq Ta’ Ċenċ
21 ta’ Ottubru 2020 – PA06952/20 - Alterations to existing dweling, additional 1st floor and washroom and additional 2 storey residential unit with basement, washroom and pool and remedisals to existing rubble wall forming the adjoining garden of property, Mary Katherine Zammit, 43/44, Triq Ta’ Cenc c/w new street off, Triq ta’ Cenc.

21 ta' Ottubru 2020 – PA/07074/20 – Additions and alterations to existing dweling (work to include internal alterations and extension of terrace) Raphel Aloisio, 9 Triq Ta' Skerla

19.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsill li f'każ ta' kontinġenza minħabba l-Covid-19. Hu kiteb li:
Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat sa fejn hu possibli qed jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, biex f'din il-pandemija kemm il-ħaddiema kif ukoll ir-residenti ikunu protetti minn din is-sitwazzjoni preżenti.

Skond id-direttiva mill-Awtorita' tas-Saħħa l-ħaddiema kollha nkluż is-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsillieri w ovjament kull min qed iżur l-uffiċċju hu mitlub jilbes l-maskra l-ħin kollu. Fil-Kunsill tpoġġew sanitizers, alcohol wipes u perspex fuq id-desk.

F'każ li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat jiġi mitlub li jgħalaq minħabba din il-pandemija, l-Kunsill bi ħsiebu jieħu dawn il-miżuri.

<u>Telefonati</u>
It-telefonati kollha se jiġu diverted fuq il-mowbajls tal-impjegati.
<u>Dokumenti u files</u>
Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat għandhu data server li permezz ta' żewġ laptops tal-Kunsill jew il-kompjuter tad-dar tal-impjeġati, qed jara u jipprepara jekk hux possibli li issir VPN connection biex ix-xogħol ikun jista faċilment isir mid-dar f'każ tal-egħluq tal-uffiċċju.
<u>Servizzi</u>
Ilmenti/suġġerimenti jistgħu jaslu permezz tal-imejl jew telefown.
Ħlasijiet tal-LESA, Trading u Lands jistgħu jsiru online.
Permessi mill-Kunsill jistgħu jsiru biss billi l-Kuntrattur jibgħat imejl lill-Kunsill, jingħata approvazzjoni mill-uffiċċju, jħallas bl-online banking u juri l-iċevuta ta dan.
Bulky refuse collection permezz tat-telefown/imejl jew facebook.
<u>Lagħat tal-Kunsill</u>
Il-laqgħat jistgħu jerġgħu jibdew isiru virtwali permezz tal-Microsoft Teams® dejjem bl-approvazzjoni tal-DLG.
<u>Pagamenti</u>
Il-Kunsill qed fi proċess mall-Bank of Valletta biex jibda jħallas bl-internet banking.

19.5.10 Is-Segretaju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mid-DLG dwar il-konnessjoni diġitali tad-data ġodda pprovduti mill-MITA.

19.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport ta' kull kwart Nr. 3, dak ta minn Jannar sa Settembru 2020. Hu qal li dan kien ċċirkulat lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport.

19.5.12 Is-Segrtarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand George Mizzi – Direttur Artistiku dwar filming ta' Ġrajjiet Gaudos li episodju 8 bl-isem "Il-Kurċifiss" li ser jigi ffilmjat f' Ta' Sannat u l-atturi huma kollha minn Ta' Sannat. Dan qed jitlob lill-Kunsill Lokali jgħin billi jirriserva parkeġġi u jingħataw refreshements lill-atturi u crew, hu ser jgħati l-ammont bl-eżatt ta' dawk li se jieħdu sehem aktar il-quddiem. Il-Kunsill qal li ma jsibx oġġeżżjoni anzi qal li dan se jkun ta' reklam għall-lokalita' Ta' Sannat u qabel ma din it-talba.

19.5.13 Is-Segretarju Eżekutiv informa lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand Transport Malta dwar reserved parking bay fi Triq Ta' Ċenċ. Il-Kunsill qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

19.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Berġa tal-lokal mhux tiftaħ minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Dan l-aħħar il-Kunsill ġie mgħarraf li l-berġa Ta' Sannat mhix aċċessibbli li tilqa nies saħansitra il-labra tal-vaċin kontra l-infuwenza ngħatat fir-reception tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma b'dan lil min hu nkarigat fejn jitlob biex din il-Berġa ssirilha dak kollu rikjest u tiġi miżmuma kif jixraq biex meta jkun il-waqt din terġa tiftaħ għan-normal u r-residenti jkunu jistgħu jinqdew minn Ta' Sannat stess.

19.5.15 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Direttorat ta' EcoGozo fi ħdan il-MGOZ nieda skema ta assistenza ta' outdoor gym. Il-Kunsill għandu jara din l-applikazzjoni u jitkellem mas-Sindku.

## 19.6 Rapport tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni tal-Offerta SNTLC 01/2020 Board ta' Evalwazzjoni

18.6.1 Il-Viċi Sindku nformat lill-Kunsill li l-offerta SNTLC 01/2020 ġiet evalwata u aġġudikata mill-bord kompost apposta, dakinhar stess tal-egħluq. Din l-offerta hija ta' xogħolijiet ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill ra r-rapport u qabel miegħu. Għalhekk il-Kunsill għandu jipproċedi mas-sistema tal-ePPS biex b'hekk jinforma lil min rebaħ din l-offeta biex wara jiġi ffirmat l-kuntratt u jibda dan ix-xogħol minn Miżura 4.4 fondi ewropej.

## 19.7 Milied 2020

19.7.1 Il-Viċi Sindku nformat lill-Kunsill li nġabru kwotazzjonijiet għat-tiżjin bi dwal dekorattiv għal żmien il-Milied u l-ewwel tas-sena ta' Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill ra dawn il-kwotazzjonijiet u disinji. Meta ġew miflija sewwa dawn il-kwotazzjonijiet il-Kunsill innota li wieħed biss ta' l-prezz bix-xogħolijiet tal-armar u żarmar komplut u ġie maqbul li din tingħata lillu.

## 19.8 Ilmenti u Suġġerimenti

19.8.1 Il-Kunsill qed jirċievi ilmenti mingħand residenti u ndividwi li fi Triq il-Kbira hemm binja qadima li għandha parti minn ħajt li hu fi stat ħażin ħafna u li dan faċilment jista jaqa' u jispiċċa fi triq. Is-Segretarju talab l-għajnuna tal-korp tal-pulizija sabiex jinstab min hu s-sid jew sidien ta' din il-binja.

19.8.2 B'referenza għal-ilment numru 20/2020 resident talba li jsiru 'n' shapes tal-ħadid mal-bankina tar-residenza tiegħu fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri. Dan peress li l-bankina hija għolja u hija perikoluża. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u għandu jitlob lill-MGOZ biex din issir bil-materjal jinxtara mill-Kunsill.

19.8.3 Il-Kunsillier Clayton Theuma bagħat imejl fejn fuq suġġeriment ta' residenti li joqgħodu fil-bidu ta' Triq Sannat, issuġerixxa li jsiru sleeping police fi Triq Sannat int u ġej min-naħa taċ-ċimiterju ħalli titnaqqas il-veloċita' u tiġi evitata xi ħabta kera. Barra min hekk permezz ta' dawn is-sleeping police, dawk ir-residenti li joqgħodu fil-bidu ta' Triq Sannat ikunu jistgħu joħorġu l-karozzi tagħhom mill-garage b'aktar serħan il-moħħ għax il-velocita titnaqqas drastikament. Il-Kunsill qabel li l-ewwel jrid jitlesa x-xogħol ta' din il-junction u t-traffic management ta' hemm hekk u jitkellem mall-Perit dwar dan.

19.8.4 B’ referenza għal-ilment numru 21/2020, persuna talbet li jinbena ħajt tal-għalqa li tinstab fit-triq ta’ fuq ta’ Triq Imġarr ix-Xini. Qed jitlob li jsir dan peress li huwa anzjan u ma għandux min jibnih. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna biex jekk jista jsir dan bis-sistema tal-MGOZ.

19.8.5 B’ referenza għal-ilment numru 22/2020, resident li joqgħod fi Triq l-20 ta’ Lulju talab li tiġi rranġata l-bankina ta’ quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna biex jsir dan bis-sistema tal-MGOZ.

19.8.6 B’ referenza għal-ilment numru 23/2020, resdient li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li tiġi mibnija mill-ġdid il-bankina tiegħu għax nieżla ftit ftit. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna biex jsir dan bis-sistema tal-MGOZ.

19.8.7 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq it-Tilliera rigward ħofra li dejjem qed tikber u dejjem tkun bl-ilma quddiem ir-residenza tagħha. Is-Segretarju ra li din kienet saret wara xi xogħolijiet tal-WSC u informahom biex din tiġi rrangata. Din il-ħofra ġiet irrangata.

19.8.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* tal-MGOZ rigward weraq tal-bajtar tax-xewk fi Triq Imġarr ix-Xini. Il-Kunsill talab l-għajnuna tad-dipartiment tal-Public Cleansing biex dan jitneħħa, dan peress li l-Kunsill ma għandux ħaddiema u truck biex jagħmlu dan ix-xogħol.

19.8.9 Is-Segretarju bagħat imejl lil Transport Malta fuq talba li saret mill-Kap tal-Iskola Primarja fejn talab li fi Triq Marziena titwaħħal tabella biex ma jsirx parkeġġ waqt il-ħruġ ta’ tfal mill-iskola. Dan intalab peress li min din it-triq qed joħorġu mill-iskola t-tfal tal-Munxar u ix-Xlendi biex jitilgħu fuq il-coach li twassalhom lura id-dar. Dan intalab peress li f’ din it-triq qed tinħoloq kongezzjoni peress li għall-coach mhux qed ikun hemm wisgħa fejn tipparkja għaliex il-parkeġġ f’din it-triq qed jittieħed minn vetturi oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan il-Kunsill għadu mingħajr risposta.

19.8.10 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-arċipriet rigward drenaġġ li daħal fil-kantina tad-dar parrokkjali. Dwar dan l-ilment is-Segretarju Eżekuttiv qal li mhux lilu biss ġara dan għaliex resident li joqgħod viċin irraporta l-istess. Hu qal li rrapporta lid-Drainage Department u kellhom jaraw x’qed jikkawża dan.

19.8.11 Ħaddiem assenjat mal-Kunsill informa li mera fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus kienet imqaxxra u ma turix. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li din ġiet mibdula.

19.8.12 B’ referenza għal-ilment 24/2020, is-sid ta’ Rosina’s Bar fi Pjazza tax-Xelina talbet li jsir tip ta’ railing mal-bankina quddiem l-bar biex jiġi evitat l-periklu. Il-Kunsill qabel biex isir dan ir-railing.

19.8.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intevention Team – MGOZ* rigward il-Pjazzetta tax-Xelina li għandha bżonn manutenzjoni peress li hemm biċċa maqlugħa. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser isir kif nforma diġa.

19.8.14 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Durell fejn qed jitlob li titneħħa rampa tac-cement li ma għadix tintuża aktar u minflok ssir bankina. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna biex issir bis-sistema tal-MGOZ.

19.8.15 B’ referenza għall-ilment 25/2020, residenta li toqgħod fi Triq Xamgħan talbet li ssir l-bankina quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna biex issir bis-sistema tal-MGOZ.

19.8.16 Is-Sindku kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv li kien ġie avvicinat minn individwi biex jinbena ħajt ta' barriera li parti minnhu ser jiġi żviluppat fi Triq Ta' Durell kantuniera ma Triq it-Tempju tal-Imramma peress li dan il-ħajt qed iżomm it-triq. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajuna tal-MGOZ biex ikun jista jsir dan.

19.8.17 Il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ġibdu l-attenzjoni dwar mera fil-bidu ta' Triq il-Kalkara tal-Ġir u li tinsab fl-konfini Ta' Sannat. Din il-mera ma għadiex turi ċar peress li tqaxxret. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab biex din tiġi mibdula ma waħda ġdida.

19.8.19 Il-ħaddiema assenjati mall-Kunsill talbu biex fi Triq Bardan fejn inbnew il-ħitan tas-sejjiegħ minn M4.4 jingħata l-konkos mal-ħitan biex kemm jista' jkun ma jikbirx aktar ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel li għandu jara kif jirranġa din it-triq.

19.8.20 Individwu bgħat imejl rigward ħmieġ u rimi ta' skart illeġali fi triq ġdida fi Triq Saguna. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv diġa qed jieħu azzjoni dwar dan l-abbuż u biex it-triq tiġi mnaddfa. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-ħaddiema assenjati miegħu u tal-Kuntratturi biex iżommu din iż-żona nadifa.

19.8.21 B'referenza għall-ilment Nru. 26/2020 resident qed jitlob bankina ġdida ma dar ġdida fi Triq il-Moxa. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li din se tiġi ordnata bis-sistema tal-MGOZ.

19.8.22 Il-Kunsillier Bajada qal li l-boillard bir-reflactor li hemm fi Triq tal-Gruwa fejn joħroġ il-ħajt li hemm ma tantx għadha turi u li dan jista jkun li hemm nuqqas ta' dawl. Il-Kunsill qabel li għandu jara dan. Il-Viċi Sindku ssuġġerit fejn tista teħel bozza ġdida f'din it-triq.

19.8.23 Il-Kunsillier Bajada qal li ndividwu minn Triq il-Kbira talab li tinbidel il-bankina peress dik li hemm hi waħda li tiżloq u perikoluża. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-MGOZ biex din tinbidel.

19.8.24 Il-Kunsillier Gauci qal li rċieva diversi suġġerimenti minn residenti dwar is-siġra tal-ficus li hemm fi Triq Marsilja li kibret u qed toħnoq ċertu wires li hemm jaqsmu fit-Triq u li dawn jistgħu jkunu ta' periklu. Il-Kunsill qabel li din is-siġra tiġi miżbura.

19.8.25 Il-Kunsillier Gauci ġibed l-attenzjoni fuq skart illegali li hemm fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan hu rraportat biex jinġabar.

## 19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2020

19.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 10/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament ghandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet banking meta il-Bank of Valletta tapprova li jkun jista jsir dan. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 19.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

19.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.43 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020, fis-2.00 p.m.

Konfermati, illum 23 ta' Novembru, 2020

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |